**155. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra aktar minn stadju wieħed jista' jittieħed fl-istess seduta, dwar l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-At tal-1974 dwar l-Edukazzjoni".

Illi d-diskussjoni fuq id-diversi stadji ta' dan l-Abbozz ta' Liġi tkun eżenti mill-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol jekk meħtieġ; u

Illi l-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu fil-Kumitat m'għandhomx jittieħdu wara għoxrin minuta mill-ħin li fih jintalbu l-ewwel darba (Ordnijiet Permanenti Nri 83 u 84); iżda għandhom jittieħdu immedjatament wara xulxin fit-tmien tal-Kumitat bla ma jgħaddi ebda intervall ta' ħin, ħlief fil-każ tal-ewwel votazzjoni li għandha tittieħed wara ħames minuti mill-ħin li fih tkun reġgħet intalbet.

12.04.1984